50/1457/18
89.17

Mozzjoni: Bdil ta' aċċessorji tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita, ir-Rabat 0008/2018

It-tindif u ż-żamma tal-latrini pubbliċi kienu sa minn 25 sena ilu, mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali wieħed mir-rwoli importanti fi ħdan il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex. Dan xprunani illi nipproponi is-segwenti.

Billi l-latrina pubblika li tinsab fi Triq Santa Rita, tinsab fi stat degradanti, mhux aċċettabbli illi ma ssirx il-manutenzjoni fuqha issa wara r-rapport ta' telqa li hemm fiha li għaddielna l-kuntrattur il-ġdid, Wilson Mifsud. Dan ir-rapport jelenka diversi ħtiġijiet fosthom ir-rinovament tal-latrina.

Għaldaqstant qed nitlob illi jinbidlu l-aċċessorji kollha li hemm bżonn sabiex nirrendu din il-latrina aktar diċenti lejn il-pubbliku u l-bosta turisti li jużawha ta' kuljum. Hemm diversi nuqqasijiet serji fosthom cubicles li ma jissakkrux li jistgħu ikunu ta' periklu wkoll u element ta' abbuż.

Nazju Cassar
1 ta' Diċembru 2018.

MR. C. AZZOPARDI
Sindku

Ippreżentata llum 4/12/18